**7 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Salvino Ellul Bonnici**

*versus*

**Dottor Edgar Buhagiar ne. et.**

**Tassazzjoni — Ritassa — Konservatorju u Istitut Tekniku "Vincenzo Bugeja" — Interess — Azzjoni Popolari — Art. 80, 749, 750 u 767 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-valur ta' kawża, tant għall-finijiet ta' kompetenza kemm għall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew l-interess pekunjarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-eżitu finali tal-kawża. Xi drabi jista' jiġri li l-azzjoni tkun ristretta għal interess iżgħar minn dak li fuqu d-deċiżjoni tkun tinfluwixxi; drabi oħra l-interess li jintitola l-attur jaġixxi jista' lanqas ikun pekunjarju jew patrimonjali, jew valutabbli fi flus.*

*Meta jingħad illi l-interess huwa l-miżura tal-azzjoni, tkun qegħdha ssir riferenza għal dak li hu l-interess ġuridiku, ċjoè l-interess li l-attur għandu li jaġixxi quddiem il-Qorti sabiex jottjeni dak li jitlob.*

*Għaldaqstant, kawża fejn l-attur talab id-dekadenza tal-Konservatorju u Istitut Tekniku "Vincenzo Bugeja" mill-beni kollha u minn kull lazzitu lilu mħollija mill-fondatur, għandha tiġi taxxata fuq il-valur ta' dawk il-beni u benefiċċji kollha li l-Konservatorju jitlef jekk l-istanza tiġi milqugħa, u mhux fuq is-sehem li f'din l-ipotesi l-attur ikun imissu mill-beni li minnhom ikun iddekada dak l-Istitut.*

*Talvolta dik id-domanda għad-dekadenza tal-Konservatorju tista' tkun preordinata għal kawża oħra fejn l-attur, jekk tirnexxi l-ewwel kawża, jitlob sehmu; imma b'dan kollu, il-kawża kienet għad-dekadenza tal-Istitut mill-beni kol-*

*lha, u mhux ghas-sehem li l-attur eventwalment ikun imissu minn dawk il-beni kieku t-talba tad-dekadenza giet milqugha.*

*L-azzjoni tac-cittadin privat biex jipprovoka din id-dekadenza mhix azzjoni popolari vera u proprja; ghax hija moghtija mill-fondazzjoni, u mhux "jure civitatis".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, billi l-kawża fl-ismijiet "Salvino Ellul Bonici vs. Wisq Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna et ne.", maqtugħa minn dik il-Qorti fis-7 ta' Jannar 1958, ġiet tassata mill-konvenut nomine fuq il-valur totali tal-proprjetà li tappartjeni lill-"Conservatorio Vincenzo Bugeja", u ġiet stabbilita fis-somma ta' £646. 16. 0 bħala dritt tar-Reġistru u £600. 7.0 bħala dritt tad-difensuri tal-kontendenti, talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u premessa d-dikjarazzjoni illi l-interess effettiv tal-attur f'dik il-kawża seta' jkun biss, f'każ ta' rebħa, li jikkonsegwixxi sehem skond ma jirriżulta mill-arblu ġeneoloġiku tal-familja tiegħu (dok. A), wara li ssir kawża oħra fil-każ ipotetiku li tiġi dikjarata d-dekadenza tal-fondazzjoni ordnata mill-Karkiż Vincenzo Bugeja fil-kuntratt riċevut minn-Nutar Francesco Saverio Camilleri tal-4 ta' Diċembru 1880, l-imsemmija kawża tiġi ritassata fuq il-kriterju tal-interess effettiv illi l-attur seta' eventwalment ikollu fil-konsegwiment ta' parti mis-somma derivabbli mill-bejgħ tal-proprjetà tal-"Conservatorio Vincenzo Bugeja", u mhux fuq il-valur totali tal-imsemmija proprjetà, li qatt ma setgħet tispetta lilu fit-totalità tagħha, fil-waqt li jittieħed in konsiderazzjoni illi, skond l-art. 22 tal-imsemmija fondazzjoni, nofs il-valur konsegwibbli f'każ tad-dekadenza kellu jitqassam bejn il-fqar. Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1959 li biha, fil-kontumaċja tal-kjamati fil-kawża Avukat Dr. Giovanni Sammut u Prokuratur Legali Edward Axiak

Mifsud, irrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-kjamati fil-kawża Giuseppe Bugeja, Avukat Dr. John Pullicino, P.L. Giuseppe Pace Bonello, Avukat Dr. Fortunato Mizzi, Carlo Ellul Bonici, Avukat Dr. Victor A. Sammut, u P.L. Edwin Engerer, bl-ispejjeż mingħajr taxxa, u wara li ddikjarat li l-interess tal-attur fil-kawża prinċipali ndikata fiċ-ċitazzjoni, f'każ ta' rebħa, ma kienx biss li jikkonsegwixxi sehem skond ma jirriżulta mill-arblu ġenealoġiku tal-familja tiegħu, imma wkoll dak li bħala ċittadin privat jipprovoka d-dekadenza ntegrali tal-Konservatorju u Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja, eskludiet l-attur mid-domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż, fil-konfront . . . . . jibqgħu mingħajr taxxa; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi l-attur jillamenta mit-tassazzjoni magħmula mill-konvenut Dr. Buhagiar tal-kawża prinċipali, ċjoè dik in re "Salvino Ellul Bonici vs. Wisq Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna et ne." (ċitaż. nru. 214/52), deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar 1958, billi dik it-tassazzjoni saret mill-imsemmi konvenut fuq il-kapitalizzazzjoni tal-kera li l-Konservatorju Vincenzo Bugeja jdaħħal kull sena mill-beni kollha stabili li jippossjedi. Huwa jissottometti, fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni, li f'dik il-kawża huwa kien talab id-dekadenza tal-fondazzjoni ordnata mill-Markiż Vincenzo Bugeja, u f'każ ta' vinċita huwa kien jista' jikkonsegwixxi biss sehem bħala wieħed mill-konsangwinei tal-Markiż Bugeja, u dan wara li ssir kawża oħra fil-każ li dik it-talba tad-dekadenza kien ikollha eżitu favorevoli, u għalhekk it-tassazzjoni kellha ssir fuq il-bażi tal-interess effettiv li seta' jkollu fl-eventwalità ta' rebħa. Minn dan isegwi, kif tajjeb jissottometti l-konvenut Dr. Buhagiar, li l-kontestazzjoni tal-attur mhijiex fis-sens li l-valur tal-beni li fuqu saret it-tassazzjoni hu ħażin, imma biss li, għalkemm huwa talab id-dekadenza tal-Konservatorju mill-laxxiti lilu magħmula, f'każ ta' rebħa huwa ma kienx jikkonsegwixxi dawk il-beni kollha tal-Konservatorju u Istitut, imma biss kwota minnhom, billi fil-każ ta'

dekadenza minnu mitluba nofs ir-rikavat mill-bejgħ tal-beni kollha jmur a favur tal-fqar u n-nofs l-ieħor a favur tal-eredi, u huwa ma kienx jieħu ħlief parti minn dak ir-rikavat; u għalhekk il-kawża kellha tiġi tassata fuq il-valur li lilu kien jiġi jmiss kieku rebaħ il-kawża;

Illi fil-kawża msemmija t-talba tal-attur kienet diretta għad-dekadenza tal-Konservatorju u Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja minn kwalunkwe benefiċċju u laxxitu mħolli lill-konvenuti fl-istess kawża, jew li jidderivalhom mill-imsemmija fondazzjoni, mingħajr ebda limitazzjoni. Hu prinċipju enunċjat in linja ta' massima li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjali tiġi regolata mid-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni fis-sens tal-oġġett tagħha, u għalhekk it-tassazzjoni kellha ssir, kif saret, fuq il-valur riżultanti mill-kapitalizzazzjoni tal-kera tal-postijiet appartenenti lill-istess Konservatorju u Istitut, li dawn l-enti kienu jitilfu bid-dekadenza, kieku ġiet akkolta, mitluba mill-attur. Hu veru li l-attur, bħala wieħed mill-konsangwinei tal-Markiż Vincenzo Bugeja, kieku kien vinċitur f'dik il-kawża, ma kienx jieħu r-rikavat kollu tal-beni, imma parti biss minnu; imma, kif esprima ruħu fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni fl-imsemmija kawża prinċipali, l-attur fl-istess kawża ma kienx qiegħed jaġixxi biss bħala konsangwineu tal-fondatur, imma wkoll bħala ċittadin privat li kellu nteress manifest li jipprovoka dak il-ġudizzju għad-dekadenza ntegrali tal-Konservatorju u Istitut, bil-konsegwenti vendita tal-beni u tar-renditi u mobilja spettanti lill-Konservatorju, skond ma ġie kontemplat mill-istess fondatur fl-art. 22 tal-fondazzjoni. Konsegwentement, anki jekk qatt it-tassazzjoni kellha tiġi regolata fuq il-bażi tal-interess effettiv li l-attur seta' jkollu fl-eventwalità ta' rebħa f'dik il-kawża, l-istess tassazzjoni saret sewwa; għaliex l-interess tal-attur fl-istess kawża, bħala ċittadin privat, kien dak li jipprovoka d-dekadenza tal-Konservatorju u Istitut bil-konsegwenti bejgħ ġa msemmi mingħajr ebda limitazzjoni;

Għalhekk, it-talba tal-attur fuq il-kawżali minnu dedotta mhix fondata;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi minflok deċiż illi l-kawża msemmija fiċ-ċitazzjoni għandha tiġi ritassata fuq il-kriterju tal-interess effettiv li hu seta' eventwalment ikollu ta' parti mis-somma derivabbli mill-bejgħ tal-proprjetà tal-Konservatorju u Istitut Tekniku; kwantu għall-kap tal-ispejjeż, l-attur talab . . .;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-kwistjoni sollevata f'dan l-appell mhijiex jekk it-tassazzjoni mpunjata kellhiex tkun "ad valorem" jew b'xi mod ieħor. L-appellant ma jikkontesta bl-ebda mod illi l-bażi tat-tassazzjoni kellha tkun fuq il-valur tat-talba, iżda hu jissottometti illi dan il-valur ġie apprezzat ħażin; għaliex, mentri r-Reġistratur ħa f'kalkolu l-valur kollu tal-proprjetà tal-Konservatorju in kwistjoni l-appellant jidhirlu illi messu ttieħed kalkolu biss tal-valur tal-kwota ta' dik il-proprjetà li hu nnifsu seta' eventwalment jikkonsegwixxi kieku l-ewwel kawża rnexxiet;

Din il-Qorti, bħal l-Ewwel waħda, ma tistgħax taċċetta l-pretensjoni tal-attur;

Skond il-liġi, il-valur ta' kawża, tant għall-finijiet ta' kompetenza kemm għall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda (art. 749, 750, 767 Kod. Org. u Proċ. Ċiv.), mhux fuq l-interess effettiv, kif isejjaħlu l-attur, ċjoè, apparentement, l-interess pekunjarju jew patrimonjali tiegħu fl-eżitu finali tagħha. Xi drabi jista' jiġri illi l-azzjoni. ċjoè t-talba. tkun ristretta għal interess iżgħar minn dak li fuqu d-deċiżjoni tkun tinfluwixxi (art. 80 Proċ. Ċiv.); drabi oħra l-interess li jintitola l-attur jaġixxi jista' anqas ikun pekunjarju jew patrimonjali, jew valutabbli fi flus;

Meta aħna ngħidu illi l-interess huwa l-miżura tal-azzjoni, aħna nirriferixxu għal dak li hu l-interess ġuridiku, ċjoè l-interess illi l-attur għandu li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob. F'dan is-sens, l-interess hu dejjem ko-

estensiv mad-domanda, ċjoè mal-oġġett tal-kawża, fis-sens li jabbraċċjah kollu u hu dirett għall-konsegwiment integrali tat-talba li l-attur jippromwovi. L-interess ġuridiku tal-attur kien, f'dik il-kawża, li jkolliha effett id-dekadenza "totali" tal-Konservatorju mill-beni "kollha". Id-domanda li għamel l-attur fil-kawża l-oħra ma kienetx il-konsegwiment ta' sehmu mill-beni tal-Konservatorju, iżda kienet "id-dekadenza tal-Konservatorju u Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja minn kwalunkwe benefiċċju jew laxxitu lilhom imħolli jew li jidderivalhom mill-fondazzjoni" (ara ċitazzjoni f'dik il-kawża);

Talvolta, dik id-domanda f'dik il-kawża kienet preordinata għall-kawża oħra li l-attur kien ikollu, jew kien bi ħsiebu jagħmel, jekk tirnexxi l-ewwel waħda, biex jottjeni sehmu. Iżda b'dan kollu, dan tal-aħħar ma kienx l-oġġett tal-"kawża in kwistjoni"; tant illi fiċ-ċitazzjoni l-attur stess espressament għamel riżerva tad-dritt tiegħu li eventwalment jagħmel kawża "oħra". Imma l-motiv, jew l-iskop finali u eventwali, li ġiegħel lill-attur jagħmel il-kawża in kwistjoni mhux rilevanti għall-finijiet tat-tassazzjoni ta' "dik" il-kawża, li kienet dak li kienet fiha nnfisha, bl-oġġett u d-domanda ġa fuq imsemmija. Kieku dik il-kawża rebagħha l-attur bl-akkolijiment tat-talba tiegħu, ir-riżultat kien ikun l-isvestiment tal-Konservatorju u Istitut mill-proprjetà u beni "kollha" li huma jippossjedu, u d-devoluzzjoni ta' dik il-proprjetà u beni favur min kien ikun imiss skond il-fondazzjoni;

Fl-attijiet preżentati minnu f'dik il-kawża, l-attur stess ma naqasx li jirrileva illi din id-dekadenza totali tal-"proprjetà kollha mħollija lill-Konservatorju" kienet il-konsegwenza li għaliha kienet diretta l-kawża (ara e.g. fol. 112 ta' dak il-proċess). Fid-dikjarazzjoni fol. 6 tergo l-attur semma "dekadenza ntegrali";

Ġa ladarba t-talba fil-kawża kienet kif intqal fuq, mhux strettament importanti jekk l-attur aġixxiex biss fil-kwalità tiegħu ta' konsangwineu tal-fondatur, u bħala tali eventwalment intitolat għal sehem mill-proprjetà, jew inkella aġixxiex ukoll bħala ċittadin privat abilitat

għal hekk bit-termini tal-fondazzjoni. B'dan kollu, hu veru illi jekk din l-ipotesi tal-aħħar hi l-vera, dan ikompli juri aktar ċar kemm hija nsostenibbli l-pretensjoni tal-attur illi t-tassazzjoni messha saret fuq dak biss li hu nnifsu, bħala konsangwineu, kien jista' eventwalment imissu;

L-attur, fil-petizzjoni tal-appell, jinnega li hu aġixxa wkoll bħala ċittadin privat. Bħala fatt, din in-negazzjoni mhix fondata. Fiċ-ċitazzjoni stess l-attur ma speċifikax wara ismu f'liema kwalità kien qed jaġixxi, però mill-mod kif esprima ruħu fil-korp jidher raġjonevolment ċar illi hu kien qiegħed jaġixxi fiż-żewġ kwalitajiet. Hu ma semma mkien, fiċ-ċitazzjoni, li kien konsagwineu tal-fondatur fi grad li jintitolah eventwalment għal sehem, imma semma biss illi l-fondatur awtorizza mhux biss lill-konsangwinei tiegħu sal-għaxar grad, imma wkoll kull ċittadin, biex ikollu l-jedd li jaġixxi ġudizzjarjament għad-dekadenza. Fid-dikjarazzjoni mbgħad, li annetta maċ-ċitazzjoni skond il-liġi l-attur darbtejn irrileva b'enfasi illi "mhux biss" bħala ċittadin privat, "imma wkoll" bħala konsangwineu tal-fondatur, kien qiegħed jistitwixxi l-kawża (fol. 7 u fol. 8);

Gie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna illi d-dikjarazzjoni li takkompanja ċ-ċitazzjoni hi ħaġa waħda magħha; u ċertament, kjarifikazzjoni u dikjarazzjoni ċara tal-kwalità li biha qed jaġixxi l-attur, magħmula fid-dikjarazzjoni, għandha tkun għalieh vinkolanti u effikaċi;

Bħala ċittadin privat l-attur kien qed jitlob id-dekadenza totali tal-Konservatorju mill-proprjetà kollha, indipendentement mill-"interess effettiv" li l-attur fil-kwalità ta' konsangwineu tal-fondatur seta' kellu għal sehem. Mhix ħaġa xierqa li jinstema l-attur li, wara li l-kawża l-oħra spiċċat u saret ġudikat, u wara li f'dik il-kawża nqeda bil-kwalità ta' ċittadin privat, forsi appuntu biex jipprevjeni xi eċċezzjoni li seta' ħaseb li setgħet tingħatalu, issa, fil-petizzjoni tal-appell, jissottometti proprju hu, li f'dik il-kwalità ma kellux dritt jaġixxi;

Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti anqas hi ta' fehma illi

l-azzjoni eżerċitata mill-attur fil-kawża l-oħra bħala ċittadin privat kienet azzjoni "popolari" vera, permessa mill-liġi. L-azzjoni popolari vera u proprja għandha bħala essenza l-iskop "a cui mira il privato nel proporla, di rivendicare non già un suo diritto individuale, sibbene un diritto spettante alla communità, all'università della quale esso fa parte" (Mattirolo, Diritto Giudiziario, Vol. I, § 38). Din l-azzjoni tiġi eżerċitata mill-privat "jure civitatis", u tmiss lilu in kwantu biss hu membru tal-kommunità u bħala tali. Hekk, il-Qrati Tagħna rritenew illi tispetta din l-azzjoni f'materja ta' elezzjonijiet indipendentement minn test preċiż tal-liġi li jakkordaha (Vol. XXVII-I-498-499);

Fil-każ tagħna, l-attur aġixxa in kwantu d-dritt tal-azzjoni hu, "bil-fondazzjoni", mogħti liċ-ċittadini "uti singuli", fl-interess partikulari tagħhom, "in quanto a ciascuno di loro individualmente il diritto appartenga" (biex jiġu wżati l-kliem tal-istess Mattirolo, għad li mhux użati f'kontest identiku);

Għalhekk, din kienet azzjoni privata ordinarja;

Mill-bqija, il-Qorti ma jidhrilha li tista' żżid xejn utili ma' dak li hemm fis-sentenza appellata. Ir-riferenza li għamel l-attur fil-petizzjoni, għall-każ ta' kawża ta' liċitazzjoni ta' beni komuni, ma għandha x'taqsam xejn. Il-kwistjoni mhix "min għandu jħallas l-ispejjeż" (ħaġa li tiddependi mill-ordni li l-Qorti f'kull każ tagħmel fis-sentenza), iżda "kif l-ispejjeż għandhom jiġu taxxati";

Ikkunsidrat;

L-attur jilmenta wkoll dwar l-ispejjeż kif allokati fis-sentenza appellata għar-rigward ta' x'uħud mill-partijiet hemm imsemmija; però anqas hawn ma jista' l-attur jiġi eżawdit; għax ma jidher bl-ebda mod illi l-Ewwel Onorabbli Qorti użat b'xi mod ħażin id-diskrezzjoni tagħha. Anzi hi segwiet ir-regola tal-liġi illi, fin-nuqqas ta' raġunijiet speċjali, l-ispejjeż għandu jbatihom min jitlef;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, fil-meritu u fl-ispejjeż;

L-ispejjeż tal-appell iħallashom ukoll l-attur appellant.